**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Ġunju 2022**

**Rikors Nru. 354/2021 GM**

**Hani Hassan Naji Salah (detentur tal-passaport Ġordaniż bin-numru Q049292), Sadeen Malta Holding Limited (C71313) u Sadeen Education Investment Limited (C5576).**

**vs**

**L-Avukat Dr Stephanie Abela (K.I. 098190M) u l-Avukat Dr Vincent Micallef (K.I. 407075M) għan-nom u in rappreżentanza ta' Yousef Mohammed Khaleel Al Hiroub (detentur tal-passaport Ġordaniż bin-numru P663216); u b'digriet tat-22 ta' Diċembru 2021 ġew nominati l-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti sabiex jirrappreżentaw lill-intimat Yousef Mohammed minflok l-Avukat Dr Stephanie Abela u l-Avukat Dr Vincent Micallef.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Hani Hassan Naji Salah et li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Permezz ta' ittra uffiċjali datata t-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2021, bin-numru 1121/21, l-intimati nomine ivvantaw illi l-mandant tagħhom Yousef Mohammed Khaleel Al Hiroub, huwa kreditur tar-rikorrenti b'dan illi allegatament huwa baqa' ma tħallasx mir-rikorrenti għal servizzi varji reżi minnu lir-rikorrenti bejn Novembru 2018 u Ġunju 2020 (kopja tal-ittra uffiċjali annessa u mmarkata bħala Dok. A);

2. L-ebda ammont pretiż mill-intimat ma huwa dovut mill-ebda rikorrent;

3. Għalhekk, il-pretensjoni tal-intimat hija frivola u vessatorja u intiża unikament sabiex toħloq pressjoni nġusta u bla bażi fattwali u legali fuq ir-rikorrenti;

4. Ir-rikorrenti għandhom kull interess illi jilliberaw ruħhom immedjatament ninn din il-pretensjoni infondata, frivola u vessatorja tal-intimati;

5. Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħdin jistitwixxu dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 403 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tipprefiġġi żmien ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur sabiex l-intimat iġib 'l quddiem b'kawża l-pretensjoni tiegħu kif kontenuta fl-ittra uffiċjali bin-numru 1121/21;

2. Tiddikjara illi fl-eventwalita' illi l-konvenut ma jiddeduċix il-pretensjoni tiegħu fit-terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jiġi mpost fuqu s-silenzju perpetwu, u sussegwentement, jiġi impedit milli jaġixxi kontra r-rikorrenti għall-pretensjoni surreferita;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Dr Benjamin Valenzia u l-P.L. Quentin Tanti li permezz tagħha eċċepew illi :

1. In linea preliminari l-Avukat Dr Benjamin Valenzia jirrileva illi hu kien inħatar bħala assistent ġudizzjarju f'kawża fejn ir-rappreżentant tas-soċjetajiet attriċi li ħalef ir-rikors mahluf mertu ta' din il-kawża kien xehed quddiemu in kontro-eżami. Il-kawża hija: Edoardo Pagani vs Sadeen Education Investment Limited (C65576), Rikors Maħluf 94/2018 CFS. L-esponent għalhekk iħoss illi għandu jiġi dikjarat mill-atturi u anki mill-assenti (ġialadalba u jekk dan jiġi kkuntatjat), jekk għandhomx problema b'dan il-fatt sabiex ma jkunx hemm l-problemi '1 quddiem. Ovvjament jekk

ikun hemm problema, il-kuratur deputat li jieħu post l-avukat noe għandu jingħata l-opportunita` illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ;

2. In linea preliminari wkoll u għall-integrita' tal-ġudizzju, jidher illi bi żvista n-numru tal-kumpanija Sadeen Education Investment Limited tniżżel b'mod ħażin bħala C5576 u mhux C65576 kif jirriżula minn Company Search li għamlu l-kuraturi deputati fuq is-sit tar-Reġistru tal-Kumpaniji;

3. L-esponenti mhumiex edotti mill-fatti;

4. L-esponenti jitolbu illi għandhom jingħataw dawk id-dettalji illi jistgħu jwassluhom jagħmlu kuntatt mal-assenti;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli skont il-Liġi, speċjalment fejn hemm kuraturi deputati mhux edotti mill-fatti minħabba illi l-persuna li jirrappreżentaw huwa assenti.

Ikkunsidrat:

**DWAR L-ISTITUT TAL-MILLANTAZZJONI.**

***Il-Ligi.***

Skont l-**Artikolu 403** tal-Kap. 12: "Meta f'atti ġudizzjarji jew xort'oħra bil-miktub persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'ċitazzjoni, li jigi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni u li fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni".

***Skop tal-azzjoni:***

Ġie affermat li "l-iskop uniku legali u soċjali tal-istitut ta' jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jiġu riżolti. Il-ligi ma tridx li tħalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna oħra bi pretensjonijiet li ma jinġiebu

qatt quddiem il-Qorti kompetenti għas-smigħ u determinazzjoni."[1] L-azzjoni ta' jattanza hija ta' natura preventiva, bl-iskop li l-imħarrek bla tnikkir iressaq il-pretensjoni tiegħu biex il-Qorti li quddiemha titressaq dik il-pretenzjoni tiddeċiedi fuq dak id-dritt[2] mingħajr ma wieħed joqgħod jistenna jgħaddi l-perjodu ta' preskrizzjoni;

***Ġenesi tal-azzjoni:***

Din l-azzjoni hija anakroniżmu ġuridiku; relikwa tad-Dritt Komuni medjevali li mhux biss ġiet rikonoxxuta fil-Kodiċi De Rohan imma wkoll f'dak viġenti li altrimenti ssupera r-riti kollha l-antiki. Għalhekk biex wieħed jinterpretaha sewwa, u fil-limiti ġusti tagħha, tabilfors irid jivvjaġġa lura fl-istorja u jiskava l-oriġini u n-natura speċjali tagħha.

Kif inhuwa sewwa magħruf, il-ġudizzju tal-jattanza ġie ntrodott bħala estensjoni tal-*L. Diffamari,* poġġuta taħt it-titlu *de ingenuis et manumissis* fil-Kodiċi ta' Ġustinjanu li kienet tintuża' biex tirribatti allegazzjonijiet dwar l-istat ħieles ta' ċittadini Rumani; għajn ta' kull kapaċita` legali u personalita` ċivili. Iċ-ċittadin infamat b'dan il-mod seta' jirrikorri għand il-kap tal-provinċja tiegħu sabiex iġiegħel lil min kien qiegħed jagħmel allegazzjoni bħal din sabiex jiftaħ kawża hu dwar l-istat ċivili tal-infamat, taħt piena ta' silenzju perpetwu. Wara l-irxuxtar tad-Dritt Ruman fil-medjuevu, din il-liġi ma setgħetx isservi iktar għall-iskop li għalih kienet inħolqot, billi sadanittant kienet tneħħiet id-distinzjoni bejn persuni ħielsa u skjavi. Għalhekk il-glossaturi u l-interpreti li ġew warajhom sawru fuqha proċediment imsejjaħ *giattanza* jew diffamazzjoni billi estendew l-applikazzjoni tagħha għal allegazzjonijiet ta' kull xorta. Din l-estensjoni sabet l-appoġġ ta' għadd kbir ħafna ta' ġuristi, fosthom il-Voet, li kienu jqisuha tajba ħafna biex toqtol ħafna kawżi saħansitra qabel jibdew u

[1] Stephen Parnis v Costantino Parnis 14.07.1999 Prim'Awla Onor. Imħ. Noel Arrigo u Carmel sive Charles Bondin v Giovanni Scicluna 10.11.1999 Prim'Awla Onor. Imħ. Ray C. Pace

[2] P.A. 13.2.1948 fil-kawŻa fl-ismijiet Cilia vs Francalanza, (Kollez. Vol: XXXIII.ii.201).

għalhekk rakkommandabbli mill-ekwita`. Iktar tard, anke l-Merlin kien dispost jippreserva dan l-istitut.

L-istitut sab ruħu użat ta' spiss fil-Parlamenti Franċiżi u fil-Qrati ewlenin oħra Ewropej, inklużi dawk tal-istati li llum huma parti mill-Italja.[3] Kien hemm xi kodiċijiet li rregolawħ, bħall-proċess Awstrijakk li kien viġenti fil-Lombardo – Veneto, u d-Dukat ta' Modena. F'kodiċijiet oħrajn, bħal dawk ta' Franza, Napli, Parma, Toscana u Ginevra dan il-proċediment sparixxa għal kollox.[4] Hekk ukoll, m'hemm l-ebda riferenza għal dan il-proċediment fl-ewwel Kodiċi ta' Proċedura Taljan ippromulgat 1865.

Għall-kuntrarju, il-Kodiċi ritwali tagħna, ippromulgat fil-1855, ippreżerva din l-azzjoni, kif kien għamel ukoll qablu l-Kodiċi de Rohan[5]:

> **"LXXXIV Chiunque sara` provocato in giudizio in vigor della *L. Diffamari C. de Ingenuis & Manumissis,* e della *L. Si contendat ff. de Fideiussoribus & Mandatoribus,* per dedurre le sue pretensioni; dovra` esperirle nel foro competente del provocante, ed il termine a tal loggetto dovra` essere di giorni quindici.**
>
> **"LXXXV Non avranno luogo, ne potranno intavolarsi co' rimedj delle Leggi accennate nel para *preced.*, o con qualunque altro, giudizj preventive per diritti incerti e dipendenti da condizioni affatto incerte."**

### *Applikazzjoni ristretta:*

Kuntrarjament għar-regoli normali, biex tinfetaħ kawża ta' jattanza, **mhux biżżejjed li wieħed ikollu interess**; **irid ukoll ikollu l-pussess** tad-dritt li ħaddieħor jippretendi jedd fuqu: "I pratici avevano stabilito di regola che per l'esercizio del giudizio di jattanza non bastava di dimostrare l'interesse che e` la base di qualunque azione giudiziale, ma anche il possesso della cosa o del diritto su cui versassero le millantazione: *doceat,* dice *Rodolfino – De Praxi*

[3] ara l-Merlin, Rep., Diffamari no. 1
[4] Comentario del Codice di Procedura Civile, da Pisanelli, Scialoja e Mancini coordinato e ridotto da Domenicantonio Galdi, Napoli, 1875, Vol I, p 277 et seq.
[5] Diritto Municipale, Lib 2 cap 3 para 84 u 85

*fiduciaria – si vull audiri in hoc judicio, de suo interesse, se sua possessione et de jure suo* [6].

***Interpretazzjoni stretta***:

L-applikazzjoni ta' dan l-istitut għandha tingħata interpretazzjoni stretta billi:

(i) tmur kontra l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-liberta` tas-suġġett tad-dritt li jiftaħ kawża jekk u meta jrid.

> "Il rimedio della Legge *Diffamari*, ossia il giudizio di jattanza **e` in contraddizione coi dettami del diritto.** Infatti *invitus agree nemo cogitur,* perche` l'attore *in sua potestate habet quando utatur jure suo,* quindi, come una eccezione al massima del diritto, non e` permesso di estenderlo come dice il Richieri, al Tit. De Judic. – *remedium hoc exaequitate contra juris rationem inductum, adeoque perperam extendi non debet."* [7]

"Illi għalhekk l-artikolu 403 tal-Kodiċi jrid jingħata tifsira dejqa minħabba li l-azzjoni tal-jattanza **għandha l-għan li ġġib fuq il-parti li tagħmel il-pretensjoni tal-jedd is-sanzjoni ta' skiet għal dejjem fuq dik il-pretensjoni.** Dan qiegħed jingħad għaliex jixraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li r-regoli magħmula mil-leġislatur fid-diversi dispożizzjonijiet li jmexxu dawn il-proċeduri speċjali **għandhom dejjem jitqiesu bħala partikolari għalihom jew kontra l-bixra tar-regoli normali**. Kemm hu hekk, dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana[8] jfisser din l-għamla ta' azzjoni bħala "...a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit."[9] Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha, għalhekk, għandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-leġislatur"[10];

(ii) millantazzjoni tfisser tallega li għandek dritt, mhux turi li għandek dritt li

[6] *part 3, cap. 30 ni. 87 e 88* colle autorita` ivi citate, e in senso conforme Prim'Aula 18.05.1874, Galea v Cutajar Vol VII.99
[7] Vassallo v Tanti 13.06.1871, Prim'Awla; in senso conforme Muresca v Camenzuli, inedita 16.1882 Prim'Awla; Galea utrinque Vol IX.705
[8] Notes on Civil Procedure, page. 1456
[9] Ara wkoll f'dan is-sens sentenza P.A. 13.12.1930 fil-kawza fl-ismijiet Gauci vs Francia (Kollez. Vol: XXVII.ii.332).
[10] Mario Pickard v Grace Andersen deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011.

jidher ċert:

"Secondo il significato proprio delle parole, **non si direbbe millantare una pretensione che asserisce di competergli un diritto apparentemente certo**, perche` fondato su un titolo da lui posseduto: *ut intret remedium legis Diffamari;* scrisse il Ridolfino – allegat. 5 n. 19 – *requiritur spontanea diffamatio sine causa; secus si fiat ex aliquot jure seu causa excludente praesumptionem calumniate"*[11]

"La concisione della legge, in materia eccezionale, che si diparte dalla regola comune, vuol essere apprezzata nel rigore del suo significato: **millantare una pretensione non equivale ad un'espressione di un diritto stabilito ossia fondato su un titolo**, ma importa una espressione ostentata di credere ad un proprio diritto contro altri. L'ostentazione, la millanteria di un diritto, ossia di credenza di averlo, che sarebbe la pretensione, si arguisce principalmente dall'assenza di un titolo fosse anche possessorio e l'appalesa ancora ove il titolo o diritto fosse vanamente magnificato con tendenza, ossia aspirazione apparente al danno altrui. Tuttavia l'avere o pretendere di avere eccezioni da opporre contro l'importanza , l'estensione o sussistenza di quel titolo o diritto, non e` sufficiente nel significato della legge, soccorso pure dall'intelligenza data alle antiche, per ammettere alla espressione di quel titolo o diritto la qualifica di jattanza od obbligare a dedurlo in giudizio entro un termine, a pena di preclusione della via a piu` agire: colui che volesse impugnare il titolo, potrebbe divenire egli attore a rischio suo"[12];

"Al dire della Corte di Appello di S.M. nella sentenza del 5 febbrajo, 1868 (Collez: IV.147) e` di regola che non possono ritenersi come millantazioni gli atti relative ad un possesso o quasi possesso che risulti gia` dichiarato o sia provato".[13]

***Il-Qorti ma tidħolx fil-mertu:***

F'azzjoni ta' din l-għamla, il-Qorti mhix tenuta tidħol fil-mertu tal-kwestjoni bejn il-partijiet għaliex dak l-eżerċizzju jixraq li jsir mill-Qorti li quddiemha tkun infetħet il-kawża li tista' tiġi ordnata bi provvediment f'kawża ta' jattanza bħalma hija din[14];

[11] Giuseppe Cremona, La Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile di Malta e Sue Dipendenze, Artiklu 425, pagina 887; in senso conforme Galea utrinque 16.05.1882 Prim'Awla vol IX.705; Gatt v Azzopardi 03.01.2898 Vol XVI.ii.169.
[12] Galea utrinque 16.05.1868 Prim'Aula; Cachia v Mamo 13.05.1893 XIII.491 rapportati minn .......Giuseppe Cremona, La Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile di Malta e Sue Dipendenze, Artiklu 425, pagina 833 u 834
[13] Notaro Odoardo Pellegrini Petit v Giuseppe Sammut 09.12.1920 XXIV.ii.359 Prim'Awla, per Onor. Imħallef Giuseppe Cremona
[14] L-Avukat Ġenerali noe et vs Avukat Dr Hugh Peralta noe et (in parte) 15.12.1997 Prim'Awla, AJM

***Elementi tal-azzjoni:***

L-elementi tal-kawża ta' jattanza ġew spjegati fil-kawża **Tabone v Galea**[15]:

"Skont il-ġurisprudenza, biex tirnexxi din l-azzjoni iridu jinkonkorru sitt elementi. Dawn l-elementi huma:

(a) l-attur irid ikun fil-pussess, almenu *de facto* u *prima facie*, tal-oġġett li jkun qed jikawtela (Vol. XX.ii.338; XXXIII.ii.201);

(b) il-konvenut ikun, bil-miktub, ressaq pretensjoni fuq dak l-oġġett, l-esercizzju ta' liema pretensjoni tkun għad trid tigi (Vol. XXXIII.ii.287;XLII.ii.1146);

(ċ) il-pretensjoni trid tkun spontanea, u mhux provokata bl-agir tal-attur (Vol. XXIV.ii.358; XXXI.i.494);

(d) il-pretensjoni jrid ikollha l-karattru li tista' tigi esecitatata b'azzjoni ġudizzjarja (Vol. XXXIII.ii.287);

(e) il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (Vol. XXXIII.ii.287; XXXVI.iii.632);

(f) il-pretensjoni m'għandhiex tkun kondizzjonata, jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix (Vol. XVI.ii.85; XXI.ii.6)".

Illi dak li l-iktar jinteressa lil din il-kawża huma żewġ elementi partikolari: dak tal-ispontanjeta` u l-ieħor tal-pussess;

***Dwar l-element ta' spontanjeta`:***

Biex tirnexxi l-azzjoni tal-jattanza, jinħtieġ li **ma tkunx ġiet ipprovokata mill-attur:**

[15]Imelda Tabone et vs Agnes Galea et deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Tonio Mallia) fil-11 ta' Diċembru 2003. Għal elenku tal-prinċipji neċessarji, ara fost oħrajn P.A. 31.5.1948 fil-kawża fl-ismijiet Muscat vs Cost Chretien (Kollez. Vol: XXXIII.ii.287) u P.A. PS 28.1.2004 fil-kawża fl-ismijiet Charles Darmanin & Co Limited vs Maltacom p.l.c. gja Korporazzjoni Telemalta (mhix appellata)

"Il-prinċipju li l-millantazjoni m'għandhiex tkun provokata mill-attur ġie anki ribadit mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **Edgar Staines noe vs Dottor Albert Hamilton Stilon** (Kollez. Vol. XXX1.i.494). F'din is-sentenza, intqal li din id-distinzjoni hija waħda razzjonali ħafna; infatti, spjegat l-istess Onorabbli Qorti, jekk l-attur ma jipprovokax lill-konvenut, iżda dan spontanjament joħroġ b'millantazzjoni tad-dritt kontra l-attur, u l-attur ikollu interess jillibera mid-dritt vantat kontra tiegħu, u ma jibqax f'dak l-istat ta' sospensjoni sakemm jogħġob lill-konvenut li jagixxi, allura l-ligi tagħti rimedju lill-attur biex preċizament jillibera ruħu darba għal dejjem minn dik il-millantazzjoni; iżda meta l-attur mexxa jew ġieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruħu minn dik il-pretensjoni ġieb ir-raguni l-għala huwa qiegħed jirrespinġi dik il-pretensjoni, allura l-millantazzjoni ma tkunx iżjed spontanea, għalkemm issir f'att ġudizzjarju u bħala difiża, imma tassumi l-kwalita' ta millantazzjoni provokata. U min ikun qiegħed jirrespingi pretensjoni ta' haddiehor, kompliet tgħid l-istess Qorti, provokat minn għandu, ma jkunx qiegħed "jikkalunnjah", iżda jkun qiegħed jezercita dritt tiegħu li kellu bħala "causa" l-pretensjoni dedotta kontra tiegħu".[16]

Biex jista' jingħad li pretensjoni tkun waħda spontanja, irid jirriżulta li din ma tkunx ir-riżultat ta' pretensjoni jew "provokazzjoni" li tkun saritilha mill-parti nnifisha li tkun fetħet il-kawża tal-jattanza[17]. Dan għaliex mhuwiex mogħti lil xi parti li titħalla tikseb "vantaġġ strateġiku"[18] biex iġġiegħel lill-parti l-oħra sseffaq wiċċha ma' kawża li l-parti 'provokatriċi' ma tkunx ħerqana li tiftaħ hija nnifisha.

Għall-finijiet ta' din l-għamla ta' azzjoni, il-'provokazzjoni' tfissret bħala:

"Att li jixpruna rejazzjoni u l-att provokattiv mhux neċessarjament ibiddel xi stat ta' fatt u anzi jista' jikkonsisti f'affermazzjoni ta' dak li fil-fehma tal-aġent ikun l-istatus quo u l-parti l-oħra tiġi għalhekk kostretta tikkontesta".[19]

"…..Issa, hija ħaġa ormaj kostanti fil-ġurisprudenza tagħna illi, biex ikun hemm lok għall-ġudizzju ta' jattanza, l-allegazzjoni magħmula mill-konvenut trid tkun spontanea, u mhux provokata, b'mod illi, **jekk dik l-allegazzjoni ssir għall-konservazzjoni jew għad-difiża** ta' drittijiet minn persuna, **mhux biss azzjonata, imma anki merament interpellata b'att ġudizzjarju, din ma tikkostitwix millantazzjoni**, u ma tagħtix lok għar-rimedju eċċezzjonali kontemplat fl-art. 404 tal-Procedura Civili (Kollez. XXIV.i.714; XXXII.i.645)"[20].

---

[16] "Angelo Buhagiar et vs Carmelo Busuttil" (P.A. (FGC) 22 ta' Ottubru 1999) fejn kien ġie ritenut:-

[17] Mag. (G) AE 2.10.2007 fil-kawża fl-ismijiet Stella Rapa et vs John Mary Portelli (mhix appellata); App. Civ. 25.11.2011 fil-kawża fl-ismijiet Mario Pickard vs Grace Anderson

[18] P.A. JA 6.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet Madliena Developments Ltd vs Uffiċċju Konġunt

[19] App. Civ. 28.3.2014 fil-kawża fl-ismijiet Paul Agius et vs Joseph Meilaq et

[20] Maria Dolores Vella et vs Rosario Micallef deċiża fil-15 ta' Dicembru 1958 Vol. XLII.ii.1146

"Kif ġie ritenut minn din il-Qorti fit-18 t'Ottubru 1912 in re **Sammut v Grech** (Kollez. Vol. XXI.i.532), il-protest magħmul mill-konvenut 'non e` spontaneo, ma provocato da un atto che il convenuto ritiene essere illegale, non riveste il carattere di una millantazione, ma e` un atto cautelatorio inteso ad evitare un pregiudizio che il convenuto verrebbe a soffrire".

"U din l-istess Qorti, b'sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 1936 in re **Cutajar v Spiteri**, …tgħid illi mhux millantazzjoni għall-finijiet tal-ġudizzju tal-jattanza att kawtelatorju intiż biex jiġi evitat preġudizzju li l-konvenut ikun jista' jsofri u li jkun provokat minn att li l-konvenut ikun jidhirlu li hu illegali. Wieħed mir-rekwiżiti tal-millantazzjoni huwa 'che l'atto non costituisca una ragione di necessita` o una cautela giuridica' (Kollez. Vol. X.167); u huwa prinċipju fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li meta jkun l-attur fil-ġudizzju tal-jattanza li jkun ipprovoka l-protesti tal-konvenut, l-azzjoni tal-jattanza mhijiex ammissibbli. Kif qal **Rodolfino (Alleg. V. para 19)** '*ut intret remedium legis diffamari requiritur spontanea diffamatio sine causa; secus si fiat ex aliquot jure seu causa excludente praesuptionem calumniae'.* Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1941 in re **Bongailas v Borg** u sentenzi hemm ċitati"[21].

"Kif gia` issemma', – ara l-kawża Madliena Developments Limited v. Ufficcju Kongunt fuq imsemmija – meta l-attur ikun ipprovoka l-kwistjoni hu ma jistax jipprevalixxi ruħu minn din l-azzjoni. F'dik is-sentenza il-Qorti qalet li l-iskop tal-kawża huwa biex ma jibqgħux pendenti kwistjonijiet u allegazzjonijet li jistgħu jkunu bla bazi u mhux biex xi parti takkwista dak li l-Qorti sejhet vantagg strategiku billi ġġiegħel lill-parti l-oħra tintavola l-kawża hi.

"Kif infatti ntqal ukoll fil-kawża deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 1999 in re: **Buhagiar v. Busuttil**:

"Meta l-attur mexxa jew ġieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u **dan biex jillibera ruħu minn dik il-pretensjoni, iġib raġuni għaliex qed jirrespinġi dik il-pretensjoni allura d-dikjarazzjoni ma tkunx iżjed waħda spontanja** imma tassumi kwalita` ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal tal-aħħar ikun qed jeserċita d-drittijiet tiegħu."

"Spjega oħra tal-kawża ta' jattanza tinsab fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Maria Dolores Vella v. Rosario Micallef** (15 ta' Dicembru 1958) fejn intqal fost affarijiet ohra illi 'biex ikun hemm lok għall-ġudizzju ta' jattanza jehtieg li l-azzjoni tkun spontanja u mhux ipprovokata, b'mod li jekk l-azzjoni issir għall-konservazzjoni jew għad-difiża tad-drittijiet minn persuna... **anke merament interpellata b'att ġudizzjarju ma jikkostitwixxix jattanza** u ma jagħtix lok għar-rimedju eccezzjonali ta' jattanza' " [22];

## *Dwar l-element tal-pussess:*

[21] **Maria Assunta Gatt v Renato Ellul 01.07.1946 XXXII.i.650**

[22] Paul sive Lino Agius v Joseph Meilaq 28.03.2014 Qorti tal-Appell S.T.O. Silvio Camilleri President, Onor. Tonio Mallia, Onor. Joseph Azzopardi.

(i) **biżżejjed pussess kwalunkwe:**

"Il-pussess f'materja ta' millantazzjoni ma jridx necessarjament ikun legittimu u pruvat b'dokumenti; imma huwa biżżejjed il-pussess, u anki l-kważi-pussess. L-attur ma għandux bżonn jipprova li l-pussess tiegħu huwa legittimu, imma huwa biżżejjed li jipprova l-pussess *de facto*"[23];

(ii) **il-pussess irid ikun esklussiv:**

"ħuwa tagħlim kostanti tal-ġurisprudenza tagħna illi min irid jaġixxi bl-azzjoni tal-jattanza għandu jipprova li huwa **mhux biss pussessur tal-ħaġa li fuqha hemm kwistjoni, iżda, fir-relazzjoni mal-konvenuti possessur waħdu, u għalhekk li l-konvenuti mhumiex fil-pussess jew kważi-pussess**"[24];

"Illi inoltre għal dawn il-principji huwa pacifiku illi min jippromwovi kawża ta' jattanza għandu jipprova… illi huwa għandu jipprova l-pussess tiegħu fuq il-ħaġa in kwistjoni **tkun ad eskluzjoni ta' min ikun qiegħed jimmillanta l-pretensjoni tiegħu**… F'dan is-sens hija is-sentenza **Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine** (P.A. – 7 ta' April 2000) ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2003, li għamlet referenza għas-sentenza **Contessina Maria Theuma Castelletti vs Angelo Camenzuli** (A.C. - Kollezz. Vol. XXVI.I.485) citata fis-sentenza **Angelo Buhagiar et vs Carmelo Busuttil** (P.A. (FGC) 22 ta' Ottubru 1999) fejn kien ġie ritenut:-

> 'Attesocche', come venne piu' volte deciso dai nostri Tribunali, **non si puo' muovere azione di jattanza quando li possesso della cosa circa la quale ha luogo la millantazione, si trova presso il convenuto**[25]; e pertanto l'attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'Articolo 425 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, **deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore' ".**[26]

Ikkunsidrat:

Applikati l-prinċipji legali suesposti għall-kontroversja bejn il-partijiet, m'hemmx dubju li l-atturi ssodisfaw l-elementi kollha tal-azzjoni, in kwantu huma fil-pussess tal-ħaġa pretiża, il-pretenzjoni mill-konvenut saret bil-miktub,

[23] Teodoro Cilia v Antonio Francalanza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Frar 1948 – Vol. XXXIII.ii.198.

[24] Giuseppe Bongailas v Grazia Borg 15.12.1941 Qorti tal-Appell S.T.O Gorg Borg President, Onor. Prof. E Ganado, Onor. Luigi Camilleri XXXI.i.131

[25] (Prim'Aula "**Trapani versus Vella**" 20 Aprile, 1907, Coll.XX,338; "Massa versus Pace" 20 Novembre, 1907, XX, 373; "Grech Delicata versus Agius" 9 Gennaio, 1875, V11,293)

[26] (Prim'Aula 17 Aprile, 1871, V.506 e 1 Aprile, 1920 "Pellegrini versus Sammut")." Notaro Odoardo Pellegrini Petit v Giuseppe Sammut 09.12.1920 XXIV.ii.359 Prim'Awla, (Imħallef Giuseppe Cremona)

kienet spontanja, tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni, u l-millantazzjoni għandha għan determinabbli u speċifiku.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tipprefiġġi żmien ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur sabiex l-intimat iġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjoni tiegħu kif kontenuta fl-ittra uffiċjali bin-numru 1121/21.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi fl-eventwalita' illi l-konvenut ma jiddeduċix il-pretensjoni tiegħu fit-terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jiġi mpost fuqu s-silenzju perpetwu, u sussegwentement, jiġi mpedit milli jaġixxi kontra r-rikorrenti għall-pretensjoni surreferita.

Spejjeż tal-kuraturi proviżorjament għall-atturi; spejjeż kollha a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA